MALTA

# QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Rikors numru 97/17LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru (eżekuttiv) numru 220/2014 fl-ismijiet:

**Joanna Amy Blundell (K.I. 99012L)**

***vs.***

**Martin Blundell (K.I. 45381M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fl-4 ta' April, 2017 minn **Joanna Amy Blundell** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi wieħed mis-sekwestratarji indikati fil-Mandat inkwistjoni huwa l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta.*

2. *Illi permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Frar, 2015, l-istess Qorti ħalliet f'idejn il-Kap Kmandant jiddeċiedi jekk għandux inaqqas mis-salarju tas-sekwestrat l-ammont dovut in linea ta' manteniment, stante illi s-sekwestrat Martin Blundell huwa membru regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.*

3. *Illi mill-istess digriet jidher ċar li d-diskrezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tat lill-Kap Kmandant kienet tirrigwarda biss jekk għandux inaqqas il-kreditu dovut lill-esponenti in virtù tat-titolu eżekuttiv li għandha kontra s-sekwestrat, o meno. Infatti, jirriżulta illi sussegwentement għal dan id-Digriet, il-Kap Kmandant aċċetta illi juża d-diskrezzjoni tiegħu billi jnaqqas il-kreditu tal-esponenti mis-salarju tas-sekwestrat u fil-fatt ħallas lill-esponenti mis-salarju tas-sekwestrat, somma komplessiva ta' €693.84.*

4. *Illi b'danakollu, fl-istess ħin il-Kap Kmandant iddeċieda illi ma għandux iħallas il-kreditu kollu dovut lill-esponenti u fil-fatt irrifjuta li jnaqqas mis-salarju tas-sekwestrat is-somma bilanċjali ta' €1,840. Din id-deċiżjoni l-Kap Kmandant jidher li ħadha għaliex is-sekwestrat kien qed jippretendi illi huwa kien diġà ħallas l-istess somma ta lill-esponenti fil-passat u li għalhekk dawn l-arretrati tal-manteniment ma kinux dovuti.*

5. *Illi fil-fatt, is-sekwestrat kien diġà intavola fis-17 ta' Settembru, 2014, rikors fl-atti ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv (Rikors Numru 207/14) fejn talab ir-revoka tal-Mandat appuntu għaliex, inter alia, skont hu kien diġà ħallas din is-somma lill-esponenti. Dan ir-rikors ġie miċħud permezz ta' Digriet mogħti fil-25 ta' Novembru, 2014 u s-sekwestrat kellu, jekk jidhirlu opportun, jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu in ġudizzju b'azzjoni ad hoc u idonea fiċ-ċirkostanzi. Madankollu, u minkejja li għaddew iktar minn sentejn mid-data meta ngħata d-Digriet li ċaħad it-talba tas-sekwestrat għar-revoka tal-Mandat eżekuttiv, huwa baqa' ma intavola l-ebda proċeduri ġudizzjarji biex jiġi determinat jekk infatti kienx ħallas is-somma minnu allegat.*

6. *Illi l-Kap Kmandant, nonostante li s-sekwestrat baqa' ma ressaqx in ġudizzju l-pretensjoni tiegħu, xorta waħda jirrifjuta illi jħallas lill-esponenti, mis-salarju tas-sekwestrat, il-bilanċ lilha dovut u baqa' jinsisti li jistenna sakemm ikun hemm eżitu tal-proċeduri relattivi li s-sekwestrat kien, dak iż-żmien, qiegħed jikkonsidra li jieħu fil-konfront ta' martu.*

7. *Illi l-pożizzjoni tal-esponenti, li għandha titolu eżekuttiv fil-konfront ta' żewġha s-sekwestrat, tinsab ippreġudikata minħabba d-deċiżjoni tal-Kap Kmandant li jistenna indefinittivament sakemm is-sekwestrat jiddeċiedi jekk għandux jipproċedi ġudizzjarjament kontra l-esponenti, ħaġa li sal-lum, iktar minn sentejn wara, għadu ma għamilx.*

8. *Illi fuq kollox, id-diskrezzjoni mogħtija minn dina l-Qorti fid-Digriet tagħha tat-2 ta' Frar, 2015 ma kinetx tissarraf f'diskrezzjoni li jiddeċiedi hu jekk il-kreditu dovut mis-sekwestrat lill-esponenti, huwiex dovut, iżda diskrezzjoni biex jiddeċiedi jekk iridx inaqqas il-kreditu oġġett tal-Mandat ta' Sekwestru de quo, mis-salarju tas-sekwestrat. B'danakollu, id-deċiżjoni li ħa l-istess Kap Kmandant meta, għalkemm uża d-diskrezzjoni tiegħu u aċċetta li jnaqqas il-kreditu mis-salarju tas-sekwestrat, naqqas biss parti mill-kreditu dovut ossia dik il-parti tal-kreditu li s-sekwestrat jaqbel li kien dovut lill-martu, il-Kap Kmandant qiegħed effettivament jiddeċiedi huwa stess li huwa jaqbel mal-pożizzjoni tas-sekwestrat.*

9. *Illi huwa sottomess umilment illi żgur mhux kompitu tal-Kap Kmandant li jiddeċiedi jekk it-titolu eżekuttiv li għandha l-esponenti, liema titolu huwa enforzabbli skont il-Liġi, huwiex wieħed tajjeb u jekk is-sekwestrat kienx effettivament ħallas l-ammont minnu pretiż, u għalhekk jirriżulta li d-diskrezzjoni mogħtija lilu fiċ-ċirkostanzi qiegħed jiġi eżerċitat ħażin, jekk mhux ukoll b'abbuż tas-setgħat* (recte) *lilu mogħtija, u f'kull każ din id-deċiżjoni teċċedi s-setgħat mogħtija lill-Kmandant skont il-Kap. 220.*

10. *Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 149 tal-Kap. 220 jagħtu s-setgħa lill-Kap Kmandant, fil-limiti u skont it-termini ta' dak provdut fl-Artikolu 151, illi jnaqqas is-salarju ta' membru tal-Forzi Armati appuntu biex jitħallas id-debitu illi jikkonsisti f'manteniment, u mhux illi jiddeċiedi huwa stess jekk dak id-debitu huwiex dovut. Is-subinċiż (a) tal-Artikolu 149(1) huwa ċar fis-sens illi l-Kap Kmandant jista' jordna biss li tiġi mnaqqsa o meno <u>dik is-somma</u> li d-debitur ikun ġie ordnat iħallas bis-saħħa ta' sentenza, digriet jew ordni ieħor, liema somma f'dan il-każ tikkonsisti fil-kreditu eżekuttiv tal-esponenti.*

*11. Illi l-korrispondenza skambjata f'dan ir-rigward hija annessa ma' dan ir-rikors għall-finijiet ta' informazzjoni sħiħa bħala Dok. X1 u X2.*[1]

*Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lill-Kap Kmandant illi, ġaladarba għażel u aċċetta li, in segwitu għad-Digriet tat-2 ta' Frar, 2015 inaqqas il-kreditu dovut mis-salarju tas-sekwestrat l-ħlas tal-manteniment relattiv mingħajr dewmien, inaqqas ukoll bl-istess mod il-bilanċ tal-kreditu dovut lill-esponenti fis-somma bilanċjali ta' elf tmien mija u erbgħin Euro (€1,840).*

*Salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' April, 2017, fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta bi żmien ħamest (5) ijiem għar-risposta.

Rat ir-Risposta ta' **Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta** (minn issa 'l quddiem "il-Kap Kmandant") li ġiet ippreżentata fis-17 ta' April, 2017, fejn jgħid is-segwenti:

*1. Illi s-sekwestranta Joanna Amy Blundell permezz ta' rikors fl-atti tal-mandat fl-ismijiet premessi talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-esponent bħala wieħed mis-sekwestratarji sabiex inaqqas l-ammont ta' elf tmien mija u erbgħin Euro (€1,840) mis-salarju tas-sekwestrat Martin Blundell bħala ħlas ta' manteniment;*

*2. Illi jiġi umilment sostnut illi, a kuntrarju ta' dak kontenut fir-rikors tas-sekwestranta, dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet li ngħata in camera fit-*

[1] *A fol.* 4 sa 5 tal-proċess – Dok. X1: ittra lill-Forzi Armati ta' Malta bla data u li tagħmel riferiment għall-ittra tal-Forzi Armati datata 16 ta' April, 2015 (li ma ġietx esebita), fejn l-avukata difensur tar-rikorrenti sekwestranta spjegat li l-pretensjoni ta' Martin Blundell li l-ammont ta' €2,091 kien imħallas, kienet diġà deċiża fil-25 ta' Novembru, 2014 wara rikors ta' Martin Blundell numru 207/14RGM u li ma kien hemm ebda proċedura pendenti ta' Martin Blundell fejn qed jikkontesta t-titolu eżekuttiv vantat mir-rikorrenti sekwestranta. *A fol.* 6 sa 7 tal-proċess – Dok. X2: ittra lill-Forzi Armati ta' Malta datata 17 ta' Settembru, 2015 u li tagħmel riferiment għall-ittra tal-Forzi Armati datata 28 ta' Awwissu, 2015 (li wkoll ma ġietx esebita), fejn l-avukata difensur tar-rikorrenti sekwestranta ttenni li l-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta m'għandux il-poter li jiddeċiedi jekk manteniment kienx ċivilment dovut u mħallas, u fejn tagħmel riferiment għall-artikolu 149(3) tal-Kap. 220 tal-Liġijiet ta' Malta u talbet li tiġi varjata d-deċiżjoni tal-Kap Kmandant.

*tnejn (2) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) kienet diġà irrevokat contrario imperio l-ordni fuq l-esponent qua sekwestratarju sabiex jiddepożita flus dovuti lis-sekwestranta;*

*3. Illi jirriżulta għalhekk ampjament illi din l-Onorabbli Qorti diġà investit u ddeċidiet din il-kwistjoni iżda għal raġunijet mhux magħrufa, is-sekwestranta qed tippersisti fil-konfront tal-esponent minkejja li d-digriet tat-2 ta' Frar, 2015 huwa ċar u inekwivoku;*

*4. Illi, a skans ta' ripetizzjoni, l-esponent jikkonferma s-sottomissjonijiet legali magħmula minnu fir-rikors datat ħamsa (5) ta' Diċembru 2014, senjatament fejn saret referenza għall-Artikolu 382 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:*

*"382. (1) Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:*

*Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:*

*Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta."*

*5. Illi s-sekwestrat Martin Blundell kien u għadu jaqgħa taħt id-definizzjoni ta' "raġel fil-forza regolari ta' Malta" a tenur tal-Kap. 220 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant is-salarju tiegħu mhuwiex sekwestrabbli;*

*6. Illi tenut kont tas-suespost, l-esponent ma jistax leġittimament jiddepożita flejjes fl-atti tal-mandat meta l-Artikolu 382 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha assolutament ċara li dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' suldat. L-esponent huwa għalhekk perpless kif Joanna Amy Blundell qed tipprova tagħti l-*

*impressjoni li l-esponent qiegħed jonqos meta hija hi li qed titlob xi ħaġa li hija legalment improponibbli u skorretta!;*

*7. Jirriżulta għalhekk ukoll illi r-rikors tagħha tal-4 ta' April, 2017 huwa irritu u jittratta kwistjoni li tista' titqies bħala res judicata permezz tad-digriet tat-2 ta' Frar 2015;*

*8. Illi l-esponent jiddikjara illi l-fakultà mogħtija lilu taħt it-termini tal-Artikolu 149 et seq. tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, Kap. 220, ġiet eżerċitata u fil-fatt is-somma kumplessiva ta' sitt mija tlieta u disgħin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€693.84) ġiet debitament imnaqqsa mis-salarju ta' Martin Blundell u mogħtija lil Joanna Blundell;*

*9. Illi, magħdud ma' dan, u għal kull buon fini, l-esponent bir-rispett jirrileva l-fatt illi s-sekwestranta fir-rikors surreferit qiegħda titlob illi titħallas l-ammont ta' €1,840 mill-bilanċ tal-kreditu ta' €2,091 dovut lilha, u dana minkejja illi diġà ġiet imħallsa €693.84 u għalhekk l-bilanċ rimanenti għandu jkun inqas minn €1,840; u ossia € 1397.16;*

*10. Illi, dejjem għal kull buon fini, l-esponent umilment jirrileva illi kien ġie infurmat mis-sekwestrat Martin Blundell illi qiegħed jikkonsidra illi jipproċedi ulterjorment skont il-liġi għar-raġuni illi ma kienx qiegħed jaqbel mal-ammont mertu tal-mandat. Fir-rikors tagħha, Joanna Amy Blundell qiegħda ssostni li tali proċeduri ma ġewx intavolati minn Martin Blundell għalkemm il-verżjoni ta' Martin Blundell dwar dan ma tirriżultax;*

*11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in vista tal-istess, l-esponent ma jeskludix u jirriserva l-fakultà li jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu ai termini tal-Artikolu 149 et seq. tal-Kap. 220 f'każ li jirriżulta li hemm lok għal rikonsiderazzjoni ta' tnaqqis mis-salarju ta' Martin Blundell, iżda dejjem taħt il-provvedimenti tal-Kap 220;*

*Għaldaqstant, u fid-dawl tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti terġa' tikkonferma d-digriet tagħha tat-2 ta' Frar, 2015 u b'hekk jogħġobha tiċħad t-talba dedotta mis-sekwestranta fir-rikors datat 4 ta' April, 2017, u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti.

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 220/14, tar-rikors revoka 207/2014RGM u tar-rikors tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ippreżentat fil-5 ta' Diċembru, 2014, li lkoll ġew annessi mal-atti tar-Rikors odjern.

Fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2017 semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, li ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku, u fejn ir-rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-qofol tal-kwistjoni li tinsab quddiem il-Qorti hija (1) l-ewwel nett jekk is-salarju ta' raġel fil-forza regolari ta' Malta bħalma huwa s-sekwestrat Martin Blundell huwiex sekwestrabbli, u (2) jekk ladarba l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati kien awtorizza li tiġi mnaqqsa mis-salarju tas-sekwestrat Martin Blundell is-somma ta' €693.84, li hija biss parti minn somma akbar ta' €2,091 li Martin Blundell kien obbligat li jħallas bħala arretrati ta' manteniment dovut lil martu r-rikorrenti odjerna[2], kienx obbligat il-Kap Kmandant li jawtorizza li l-bilanċ rimanenti mis-somma imsemmija jitnaqqas ukoll mis-salarju tas-sekwestrat Martin Blundell.

---

[2] Skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Robert John Muscat datat 27 ta' Jannar, 2007 liema kreditu ġie reż titolu eżekuttiv permezz tal-ittra uffiċjali numru 1763/2014 debitament notifikata.

**Provi u riżultanzi**

Il-fatti li taw lok għal din il-kontestazzjoni kienu s-segwenti. Wara kuntratt ta' separazzjoni personali bejn r-rikorrenti u s-sekwestrat Martin Blundell datat 27 ta' Jannar, 2007, li kien jirregola, fost ħwejjeġ oħra, il-ħlas ta' manteniment dovut lir-rikorrenti u kuntratt ieħor korrettorju datat 10 ta' Ġunju, 2010, fejn fost affarijiet oħra, ir-rikorrenti kienet irrinunzjat għad-dritt li tkompli tirċievi manteniment[3], ir-rikorrenti rriżultalha li kien għad fadalha titħallas arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €2,091, u ċjoè pagamenti ta' €174.29 fix-xahar mill-10 ta' Ġunju, 2009 sal-10 ta' Ġunju, 2010. Kien għalhekk li r-rikorrenti nnotifikat lis-sekwestrat Martin Blundell b'ittra uffiċjali datata 9 ta' Ġunju, 2014 a tenur tal-artikolu 256 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex tirrendi din is-somma eżekuttiva u pproċediet sussegwentement bil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 220/14 li ġie ppreżentat fit-22 ta' Awwissu, 2014 (minn issa 'l quddiem "il-Mandat").

Sussegwentement is-sekwestrat Martin Blundell kien ta bidu għal proċeduri bir-Rikors 207/14RGM fejn, fost talbiet oħra, attakka l-imsemmi mandat ta' sekwestru eżekuttiv u talab it-tħassir tiegħu a tenur tal-artikolu 281(1) tal-Kap. 12 stante li sostna li fost il-ħlasijiet li kien għamel lir-rikorrenti odjerna, l-ammont mitlub minnha bħala manteniment permezz tal-mandat kien diġà effettivament tħallas. Ir-rikorrenti odjerna, hemmhekk intimata, resqet provi li l-pagamenti li rrefera għalihom is-sekwestrat, ma kinux ħlasijiet relatati mal-manteniment tagħha, iżda ma' djun oħrajn. Fil-25 ta' Novembru, 2014 il-Qorti ċaħdet it-talba tas-sekwestrat Martin Blundell għar-revoka tal-mandat, b'dan li awtorizzat lill-partijiet jipproċedu skont il-liġi.

[3] *Vide* l-atti allegati tar-rikors revoka 207/14RGM.

Meta l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ġie notifikat bil-Mandat, fil-5 ta' Diċembru, 2014, ippreżenta rikors fejn spjega li abbażi tal-artikolu 382 tal-Kap. 12, hu prekluż milli jiddepożita kwalsiasi ammont tas-salarju tal-Lance Bombardier Martin Blundell u talab lill-Qorti biex tirrevoka *contrario imperio* l-ordni fejn hu kien ġie ordnat jiddepożita s-somma ta' €2,091 mill-paga tal-istess. Il-Qorti kif diversament preseduta, fit-2 ta' Frar, 2015 laqgħet kameralment it-talba tal-Kap Kmandant bla ħsara għas-setgħat tiegħu taħt l-artikolu 140 *et seq.* tal-Kap. 220, l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta.[4]

Il-Kap Kmandant uża d-diskrezzjoni tiegħu taħt il-Kap. 220 u avviċina lil Martin Blundell[5] li qallu li kien qed jikkontesta s-somma mitluba mir-rikorrenti ħlief għas-somma li wara effettivament tnaqqset mill-Kap Kmandant mis-salarju ta' Blundell u ċjoè s-somma ta' €693.84. Martin Blundell infurmah ukoll li kien ser jibda proċeduri ġudizzjarji biex jikkontesta l-bilanċ rimanenti.

Ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri qiegħda tikkontendi li kieku l-Kap Kmandant uża d-diskrezzjoni li tagħtih il-liġi kif temani mill-Kap. 12 u l-Kap. 220 tal-Liġijiet ta' Malta, u ma awtorizzax il-ħlas, dan kien ikun jaqa' fil-kompetenza tiegħu. Però ladarba l-Kap Kmandant għażel li juża d-diskrezzjoni tiegħu u awtorizza t-tnaqqis tas-somma ta' €693.84 mis-salarju ta' Martin Blundell ai termini tal-artikolu 149(1) tal-Kap. 220, skont din id-dispożizzjoni tal-liġi l-Kmandat tal-Armata kellu jnaqqas is-somma kollha reża eżekuttiva bl-ittra uffiċjali tad-9 ta' Ġunju, 2014 u mhux biss parti minnha. Apparti minn hekk ir-rikorrenti tikkontendi wkoll li tali diskrezzjoni ma setgħatx tintuża biex issir interpretazzjoni mill-Kap Kmandant ta' x'kien verament dovut lir-rikorrenti

[4] Huwa minħabba dan id-digriet li l-Kap Kmandat qed jeċċepexxi fil-każ odjern ir-*res judicata.*

[5] Dawn il-fatti jirriżultaw kemm mill-korrispondenza ppreżentata mir-rikorrenti u kemm minn dak li rriżulta mit-trattazzjoni li kien hemm qbil fuqu bejn il-partijiet.

wara li sema' l-verżjoni ta' Martin Blundell, liema verżjoni kienet *del resto* diġà ġiet respinta mill-Qorti fl-ambitu tar-rikors ittentat minnu nru 207/14RGM.

Il-Kap Kmandant jikkontendi li fl-ambitu r-rikors li kien ippreżentat minnu fil-5 ta' Diċembru 2014, huwa kien diġà ssolleva l-punt li s-salarju ta' membru tal-Forzi Armati mhuwiex sekwestrabbli u li l-kwistjoni in eżami taqa' finalment fl-ambitu tad-diskrezzjoni tiegħu bħala Kap Kmandant li huwa jista' jeżerċita ai termini tal-artikolu 149 tal-Kap. 220. Dan il-punt kien digà deċiż kameralment mill-Qorti fit-2 ta' Frar, 2015 u għaldaqstant il-Kap Kmandant qed iqajjem preliminarjament l-eċċezzjoni tar-*res judicata.*

Fil-mertu l-Kap Kmandant qed jikkontendi li wara li hu awtorizza l-ħlas lir-rikorrenti tas-somma ta' €693.84 mis-salarju ta' Martin Blundell, il-bilanċ rimanenti kien ta' €1,397.16 u mhux €1,840 kif qiegħda tikkontendi r-rikorrenti. Oltre dan il-Kap Kmandant isostni li d-diskrezzjoni tiegħu ġiet eżerċitata korrettement u li issa d-deċiżjoni tiegħu ma tistax tiġi sindakata permezz ta' din il-proċedura, imma kellha tiġi semmai sindakata permezz ta' proċeduri oħrajn disponibbli taħt il-liġi, preżumibbilment bl-azzjoni ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Fl-ewwel lok l-artikoli rilevanti għal din il-vertenza u li jinsabu fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-Att dwar l-Forzi Armati ta' Malta, f'każ ta' mandat ta' sekwestru għal ħlas ta' manteniment fuq il-paga ta' membru tal-Forzi Armati, jgħidu:

<u>L-artikoli 381 (1)(a), (2) u (3) u 382(1) tal-Kap. 12 -</u>

"381. (1) Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq -

(*a*) salarju jew paga (magħdudin il-*bonus*, *allowances*, *overtime* u ħlasijiet oħra);

...*omissis*...

(2) B'dak kollu li jingħad fid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, fil-kawżi ta' manteniment, il-qorti, jew fis-sentenza jew f'digriet li jingħata wara fuq talba għaldaqshekk mill-kreditur li jitlob il-manteniment, meta l-kreditur ikun waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, jew it-tfal minuri jew inkapaċi, jew l-axxendenti tad-debitur, tista' tordna illi parti speċifikata tas-salarju, pensjoni jew legat imsemmijin fis-subartikolu (1)(*a*), (b) u (d) jew tas-salarju ta' xi persuna, tiġi mħallsa direttament lill-kreditur; in-notifika ta' dak l-ordni lill-persuna illi għandha tagħti s-salarju, pensjoni, jew legat hawn fuq imsemmijin għandha l-istess effett daqs mandat ta' sekwestru; u l-persuna hekk innotifikata għandha tħallas direttament lill-kreditur il-parti tas-salarju, pensjoni jew legat speċifikat fil-mandat.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 149, 150 u 151 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta għandhom jgħoddu dwar is-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta."

"382. (1) Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew *allowance* imsemmija fl-artikoli 381(1)(*a*) u (*b*), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:

Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha

tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:

Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta...."

<u>L-artikoli 149, 150 u 151 tal-Kap. 220 -</u>

"149. (1) Meta bis-saħħa ta' sentenza, digriet jew ordni ieħor li jista' jiġi esegwit f'Malta jkun sar ordni kontra xi persuna (hawn hekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-konvenut") għall-ħlas ta' xi somma perjodika jew xi somma oħra speċifikata fih għal jew dwar –

(*a*) il-manteniment tal-mara, ulied jew axxendent tiegħu; jew

(*b*) l-ispejjeż li jsiru fil-proċedimenti dwar kull ordni bħal dak minn jew f'isem il-persuna li favur tagħha l-ordni jkun sar,

u l-konvenut ikun uffiċjal jew raġel tal-forza regolari, allura (kemm jekk kien kif ukoll jekk ma kienx membru ta' dik il-forza meta l-imsemmi ordni jkun sar) il-Kmandant jew xi uffiċjal ieħor awtorizzat minnu jista' jordna li dik is-somma għandha titnaqqas mill-paga tal-konvenut u approprjata bħala ħlas jew bħala parti mill-ħlas tal-ammont dovut skont l-ordni tal-qorti kif il-Kmandant jew l-uffiċjal jidhirlu xieraq.

(2) Meta qorti li tagħmel ordni skont l-artikolu 381(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew li tibdel jew tħassar xi ordni bħal dak tkun taf, li l-konvenut ikun uffiċjal jew raġel tal-forza regolari l-qorti għandha ġġiegħel lir-reġistratur tal-qorti li jibgħat kopja tal-ordni lill-Kmandant jew lill-uffiċjal awtorizzat minnu.
(3) Il-Kmandant jew l-uffiċjal awtorizzat minnu jista' b'ordni jibdel jew iħassar kull ordni li jkun ġie magħmul qabel bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jista' jqis kull ordni magħmul skont dan l-artikolu bħala sospiż f'kull żmien fil-waqt li l-persuna li kontriha jkun sar l-ordni tkun nieqsa kif imsemmi fl-artikolu 144 (1)(*a*).

150. (1) Meta l-Kmandant jew xi uffiċjal awtorizzat minnu jkun sodisfatt li uffiċjal jew raġel tal-forza regolari jkun qed jittraskura, mingħajr raġuni ġusta, li jmantni lill-martu jew lil xi ħadd minn uliedu taħt it-tmintax-il sena l-Kmandant jew l-uffiċjal jista' jordna li dik is-somma titnaqqas mill-paga tiegħu u tiġi approprjata għall-manteniment ta' martu jew uliedu kif il-Kmandant jew l-uffiċjal jidhirlu xieraq.

(2) Jekk fuq applikazzjoni magħmula lill-Kmandant jew lill-uffiċjal awtorizzat minnu għal ordni bis-saħħa tal-aħħar subartikolu qabel dan, il-Kmandant jew l-uffiċjal ikun sodisfatt li *prima facie* ikun hemm każ għall-egħmil ta' ordni bħal dak, jista' jagħmel ordni *interim* għal dak it-tnaqqis u approprjazzjoni kif imsemmi fl-aħħar subartikolu qabel dan li jseħħ sakemm il-każ jitkompla jiġi eżaminat.

(3) Meta ordni jkun fis-seħħ bis-saħħa tas-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan għat-tnaqqis favur xi persuna mill-paga ta' uffiċjal jew raġel tal-forza regolari, ebda tnaqqis mill-paga tiegħu favur l-istess persuna ma jista' jiġi ordnat bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu.

(4) Il-Kmandant jew l-uffiċjal awtorizzat minnu jista' b'ordni jibdel jew iħassar kull ordni li jkun magħmul qabel bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jista' jqis kull ordni magħmul skont dan l-artikolu bħala sospiż f'kull żmien fil-waqt li l-persuna li kontriha jkun sar l-ordni tkun nieqsa kif imsemmi fl-artikolu 144(1)(*a*).

151. (1) Is-somma mnaqqsa bis-saħħa tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan ma għandhomx flimkien ikunu iżjed minn –

(*a*) fil-każ ta' uffiċjal, minn tlieta sebgħa tal-paga tiegħu;

(*b*) fil-każ ta' *warrant officer* jew uffiċjal bla kummissjoni mhux taħt ir-*rank* ta' surġent, żewġ terzi tal-paga tiegħu;

(*ċ*) fil-każ ta' xi raġel ieħor tal-forza, tliet kwarti mill-paga tiegħu.

(2) Meta xi tnaqqis ikun ordnat skont xi wieħed mill-aħħar żewġ artikoli qabel dan mill-paga ta' persuna u (kemm qabel jew wara li t-tnaqqis ikun ordnat) din teħel telf ta' paga minn jew bħala konsegwenza ta' deċiżjoni jew sentenza ta' qorti marzjali jew ta' deċiżjoni jew *award* tal-

awtorità superjuri xierqa jew tal-uffiċjal kmandant tiegħu, it-telf ta' paga għandu japplika biss għal dik il-parti li tibqa' mill-paga wara li jsir it- tnaqqis.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1)(b) u (ċ) persuna li jkollha *rank* temporanju għandha titqies li tkun ta' dak ir-*rank*."

Illi l-ewwel ħaġa li trid tiġi deċiża hija l-eċċezzjoni tar-*res judicata* ssollevata mill-Kmandant tal-Forzi Armati fir-rigward tad-digriet kamerali ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-2 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **Joanna Amy Blundell *vs.* Martin Blundell** li kien jgħid:

"Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-rikors tal-5 ta' Diċembru, 2014 tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u d-digriet tal-11 ta' Diċembru, 2014;

Rat it-tweġiba ta' Joanna Amy Blundell tat-30 ta' Jannar, 2015;

Rat illi s-sekwestrat huwa raġel fil-forza regolari ta' Malta u għalhekk is-salarju tiegħu, kif igħid l-art. 381(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, huwa milqut bl-art. 149, 150 u 151 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kap. 220);

Rat illi taħt l-imsemmija art. 149 *et seq.* tal-Kap. 220 huwa mħolli f'idejn ir-rikorrent bħala Kmandant tal-Forzi Armati jnaqqasx mis-salarju tas-sekwestrat dak li l-istess sekwestrat għandu jagħti bħala manteniment lil martu:

Għalhekk tilqa' t-talba magħmula fir-rikors tal-5 ta' Diċembru, 2014 bla ħsara għas-setgħat tar-rikorrent taħt l-art. 149 *et seq.* tal-Kap. 220.

Dan id-digriet ingħata *in camera* llum it-Tnejn 2 ta' Frar, 2015."

Sabiex tiddeċiedi din l-eċċezzjoni, il-Qorti trid l-ewwel tiddetermina n-natura tal-provvediment li ġie mogħti minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-

kuntest tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ċjoè kienx digriet interlokutorju jew kienx digriet definittiv jew sentenza.

Fis-sentenza **Emanuel Abela vs. Perit Arkitett Fred Valentino et**[6], il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

> "Id-digrieti kamerali minħabba l-karatteristika tagħhom imsemmija ma jistgħu qatt jiġu kkunsidrati sentenzi (**Lawrence Ellul Sullivan *et noe. vs.* Lawrence Ciantar**, deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 1992 Vol. LXXVI.ii.410). Hu wkoll paċifiku illi "Wieħed mill-fatturi li essenzjalment jiddistingwu digriet interlokutorju minn sentenza huwa l-fatt li waqt li digriet interlokutorju jista' jiġi revokat "*contrario imperio*" mill-Qorti li tkun proferitu, dan ma jistax isir fil-każ ta' sentenza (**Alfred Piscopo *vs.* Direttur tas-Servizzi Socjali**, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 1992 Vol. LXXVI.ii.252)."

Fis-sentenza **Philip O. Gatt *pro et noe vs.* Adrian Busietta** *pro. et noe.*[7] ntqal kif ġej:

> "Illi m'hemm dubju li d-distinzjoni bejn degriet u sentenza għadha tiswa sal-lum il-ġurnata. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk dawn jagħlqux il-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet.[8] Kif ingħad b'awtorità[9], dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività tagħha, fis-sens ta' *quando terminat negotium de quo agitur*, u tista' tkun ta' żewġ għamliet: jew li taqta' l-meritu tal-kwestjoni, jew li teħles lill-imħarrek milli joqgħod fil-kawża. Min-naħa l-oħra, d-degrieti ma

[6] 04.12.1998.
[7] P.A.(JRM), 09.05.2002.
[8] Ara Prof. Caruana - *Notes on Civil Procedure*, paġ. 1419; Mattirolo - *Diritto Giudiziario*, Vol. IV, pp 16-7; u Mortara - *Digesto Italiano* Vol. XXI (*voce "Sentenza Civile"*), pag. 450 ff.
[9] App. Civ., 29.04.1925 fil-kawża fl-ismijiet **Tabone *vs.* Borg Olivier** (Kollez. Vol: XXVI.i.115).

> jtemmux il-kwestjoni u jingħataw matul is-smigħ tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet anċillari. L-iżjed karatteristika ewlenija fid-degriet hija li ma jikkostitwix ġudikat għall-qorti li tkun tagħtu, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f'sentenza. Kien ukoll meqjus li meta f'provvediment il-Qorti tirriserva l-kap tal-ispejjeż għal stadju ieħor, dan ikun sinjal ċar li dak il-provvediment ikun degriet u mhux sentenza;"

Dan l-istess insenjament ġie ribadit ukoll fis-sentenza **Avukat Francis Portanier *noe. vs.* George Micallef *noe***[10], fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] qalet illi:

> "Intqal mill-Qorti tal-Appell, kolleġġjalment komposta, illi "è *notorio che la distinzione tra sentenza definitiva e decreto interlocutorio non è semplice quistione di parole, dacche importa bene distinguere i veri ordini di pronunciamenti giudiziari, non solo in relazione all'appello o agli altri mezzi di impugnazione, ma anche per se stessi siccome il loro contenuto misura l'esercizio della giurisdizione e determina la loro efficacia e forza in futuri giudizi nell'identico soggetto in riguardo all' ammissibilità o meno della eccezione di cosa giudicata. Poiche mentre la sentenza definitiva fa cessar la giurisdizione del tribunale che l'avesse pronunciata e porga le basi alle eccezzioni della cosa giudicata, i decreti interlocutori per legge espressa non formano giudicato per la Corte che li avesse pronunciati, quando le si dimostrasse una giusta causa per dipartirsene*" - **Maria vedova di Paolo Pace Axiak *vs*. Vincenzo Caruana**, Appell Ċivili, 27 ta' Ottubru, 1920 (Kollez. Vol. XXIV P I p 582)."

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti u abbażi tal-insenjament hawn rapportat, il-provvediment tat-2 ta' Frar, 2015 huwa digriet interlokutorju u mhux diġriet definittiv u għaldaqstant mhux qed tintlaqa' l-eċċezzjoni tar-*res judicata.*

[10] 10.01.2007.
[11] *Per* Imħallef Philip Sciberras.

Illi madankollu, tenut kont tad-dispożizzjonijiet suċċitati tal-artikoli 381 u 382 tal-Kap. 12 u tal-artikoli 149 sa 151 tal-Kap. 220, dak li kien deċiż fid-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-2 ta' Frar, 2015 kien legalment korrett u din il-Qorti kif preseduta qiegħda għalhekk tagħmlu tagħha. Fid-digriet tat-2 ta' Frar, 2015 il-Qorti ħalliet fid-diskrezzjoni tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati li jimxi skont id-dettami tal-artikoli 149 *et seq.* Din il-Qorti taqbel mal-eċċezzjoni sollevata mill-Kap Kmandat waqt it-trattazzjoni finali, li din il-Qorti m'għandhiex tissindika d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Kap Kmandant u fil-fatt se tiddeklina milli tagħmel dan.

Ir-rikorrenti tinterpreta l-artikolu 149(1) tal-Kap. 220 b'tali mod li l-Kap Kmandant jista' biss jiddeċiedi li jew ma jnaqqas xejn mill-paga ta' Martin Blundell jew li jnaqqas is-somma kollha reklamata mir-rikorrenti. Il-Qorti ma taqbilx ma tali interpretazzjoni restrittiva, li del resto mhijiex rispekkjata fil-kliem testwali tal-liġi, però taqbel mar-rikorrenti fejn issostni li l-Kap Kmandant m'għandux juża d-diskrezzjoni tiegħu taħt il-liġi sabiex jeżamina l-fondatezza tat-talba tar-rikorrenti u biex jiddeċiedi hu min għandu raġun fil-mertu. Kif sewwa irrilevat r-rikorrenti, id-digriet tal-Qorti kien diġà ġie kkontestat fil-mertu mis-sekwestrat Martin Blundell permezz tar-Rikors għar-revoka numru 207/14RGM, liema rikors kien ġie miċħud mill-Qorti.

Tqis illi d-deċiżjoni tal-Kmandant rigward il-bilanċ ta' €1,397.16 u mhux €1,840 kif dedott fir-rikors tar-rikorrenti, ma jistax tinżamm sospiża għal żmien indeterminat fuq il-pretest li s-sekwestrat beħsiebu xi darba jikkontesta ġudizzjarjament dan il-bilanċ, u dan għar-raġuni loġika li s-sekwestrat ma għandu ebda interess li jikkontesta d-deċiżjoni ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-25 ta' Novembru, 2014 li kienet ċaħditlu r-rikors għar-revoka

tal-Mandat, għas-sempliċi raġuni li ma jkollux għalfejn jipproċedi, meta d-diskrezzjoni tal-Kap Kmandant dwar il-bilanċ ser tiġi eżerċitata biss wara li l-proċeduri li kellu jistitwixxi s-sekwestrat jiġu determinati.

Din il-Qorti sejra finalment tiddeċiedi din il-vertenza fid-dawl ta' dak li intqal mill-Kap Kmandant tal-Armata fir-Risposta tiegħu li ma eskludiex u rriserva l-fakultà li jeżerċita s-setgħa mogħtija lilu *ai termini* tal-Kap. 220, f'każ li jirriżulta li jkun hemm lok għal rikonsiderazzjoni ta' tnaqqis ieħor mis-salarju ta' Martin Blundell.

__Decide__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza kif ġej:**

**(1) Tiddikjara illi wara tnaqqis li sar mill-Kap Kmandant tal-Armata mis-salarju tas-sekwestrat Martin Blundell, il-ħlas li għadu dovut minn Martin Blundell lir-rikorrenti Joanna Amy Blundell bħala arretrati ta' manteniment għall-perjodu 10 ta' Ġunju, 2009 sa 10 ta' Ġunju, 2010 huwa ta' elf, tliet mija u sebgħa u disgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€1,397.16);**

**(2) In vista tal-artikoli 149 *et seq.* tal-Kap. 220, huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jekk għandhiex titnaqqas ulterjorment is-somma ta' €1,397.16 mill-paga tas-sekwestrat Martin Blundell biex tiġi approprjata bħala ħlas ta' manteniment lir-rikorrenti Joanna Amy Blundell;**

**(3) Filwaqt li tiċħad it-talba tar-rikorrenti, tissolleċita lill-Kap Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta biex mingħajr aktar dewmien jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu ai termini tal-artikolu 149 et seq. tal-Kap. 220 mingħajr ma jidħol però fil-mertu tal-vertenza bejn ir-rikorrenti u s-sekwestrat Martin Blundell u li dwarha r-rikorrenti Joanna Amy Blundell għandha titolu eżekuttiv.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra s-sekwestrat Martin Blundell.**

Mogħti kameralment, illum 31 ta' Mejju, 2017.